



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12621/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0256 (NLE)

PECHE 335
UD 186

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706
li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi
tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari
l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-provvisti tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-preżent jiddependu mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. F'dawn l-aħħar deċennji, l-Unjoni saret aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet biex tissodisfa l-konsum tal-prodotti tas-sajd. Sabiex ma titqiegħedx f'periklu l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni u sabiex tiġi żgurata provvista adegwata għall-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu jew li jiġu sospiżi d-dazji tal-importazzjoni għal għadd ta' prodotti tas-sajd fil-kuntest ta' kwoti tariffarji ta' volum xieraq.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706¹ jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2023. Ġew stabbiliti volumi xierqa għal kull kwota tariffarja sabiex ikun żgurat li l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni jkollha provvista adegwata għal dak il-perjodu.
- (3) Fid-19 ta' Lulju 2021, ir-Regolament (UE) 2020/1706 ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill 2021/1203² billi, fost l-oħrajn, żdiedu kwoti ġodda li huma validi sal-31 ta' Ottubru 2022, minħabba li skadew il-protokolli bilaterali mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġjali kienu jipprevedu l-kwoti għal ċertu ħut u għal ċerti prodotti tas-sajd.

¹ Ir- tal-Kunsill (UE) 2020/1706 tat-13 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1203 tad-19 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 rigward l-inklużjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd (ĠU L 261, 22.7.2021, p. 1).

- (4) Madankollu, in-negozjati ta' protokollu ġodda addizzjonali mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja li jipprevedu kwoti għal ċertu ħut u għal ċerti prodotti tas-sajd mhumie x ser ikunu konklużi qabel il-31 ta' Ottubru 2022.
- (5) Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kwoti ġodda li jibqgħu validi sa tmiem l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1706.
- (6) Għal raġunijiet ta' urġenza sabiex jiġi evitat nuqqas ta' materjali tas-sajd mingħajr dazju għall-ipproċessar fl-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (UE) 2020/1706 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fit-tabella tal-Anness għar-Regolament (UE) 2020/1706, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Kodiċi tat-TARIC	deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) ¹	Dazju fuq il-kwota	Perjodu tal-kwota
09.2509	ex 1604 12 91	13	Aringi, imħawra u/jew ippreservati fil-hall, fis-salmura, għall-ipproċessar	17 500 (piż nett mingħajr likwidu)	0 %	1.11.2022– 31.12.2023
		93				
	ex 1604 12 99	16				
		17				
09.2510	ex 0303 51 00	10	Aringi (<i>Clupea harengus</i> , <i>Clupea pallasii</i>), iffriżati, għall-ipproċessar ²	11 670	0 %	1.11.2022– 31.12.2023
		20				

¹ Mogħti f'piż nett, sakemm ma jingħadx mod ieħor.

² Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju, ma għandhiex tingħata tgawdija tal-kwota tariffarja għall-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Kodiċi tat-TARIC	deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) ¹	Dazju fuq il-kwota	Perjodu tal-kwota
09.2512			Ħut iffriżat, għall-ipproċessar	3 850	0 %	1.11.2022– 31.12.2023
	0303 55 30	10	Sawrell taċ-Ċili (<i>Trachurus murphyi</i>)			
	ex 0303 55 90	95	Ħut ieħor ta' <i>Trachurus</i> spp., minbarra <i>Trachurus trachurus</i> , <i>Trachurus murphyi</i> u s-sawrella komuni (scad) (<i>Caranx trachurus</i>)			
	0303 56 00	10	Cobia (<i>Rachycentron canadum</i>)			
	0303 69 90	10	Ħut ieħor			
	0303 89 90	11				
		21				
		30				
		91				
	0303 82 00	10	Raj u rebekkini (<i>Rajidae</i>)			
	0303 89 55	10	Awrat (<i>Sparus aurata</i>)			

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Kodiċi tat-TARIC	deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (f'tunnellati) ¹	Dazju fuq il-kwota	Perjodu tal-kwota
09.2513	0304 86 00	20	Qatgħat tal-aringi (<i>Clupea harengus</i> , <i>Clupea pallasii</i>), iffriżati, għall-ipproċessar	29 170	0 %	1.11.2022– 31.12.2023
	ex 0304 99 23	10	Ġwienaħ tal-aringi (<i>Clupea harengus</i> , <i>Clupea pallasii</i>)			
		20	(miftuħin ktieb), iffriżati, għall-ipproċessar ¹			
09.2514	0304 49 50	10	Qagħtat ta' redfish (<i>Sebastes</i> spp.), friski jew imkessħin, għall-ipproċessar	1 520	0 %	1.11.2022– 31.12.2023

¹ Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju, ma għandhiex tingħata tgawdija tal-kwota tariffarja għall-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.